

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 —  
BPB vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-53/03) (¹)

(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-plasterboards — Deċiżjoni li tikkonstata ksur ta' l-Artikolu 81 KE — Ksur uniku u kontinwat — Reċidivită — Multa — Linji gwida dwar il-kalkolu ta' l-ammont tal-multi — Komunikazzjoni dwar il-kooperazzjoni)

(2008/C 209/69)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: BPB plc (Slough, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: T. Sharpe, QC, u A. Noury, solicitor)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, aġent, assistit minn J. Flynn, QC, u C. Kilroy, barrister)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parżjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/471/KE, tas-27 ta' Novembru 2002, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] kontra BPB plc, Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG, Société Lafarge SA u Gyproc Benelux NV (Kawża COMP/E-1/37.152 — Plasterboards) (ĠU 2005, L 166, p. 8), jew, sussidjarjament, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) L-ammont tal-multi imposta fuq BPB plc mill-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/471/KE, tas-27 ta' Novembru 2002, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 81 [KE] kontra BPB plc, Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG, Société Lafarge SA u Gyproc Benelux NV (Kawża COMP/E-1/37.152 — Plasterboards) huwa ffissat għal EUR 118.8 miljun.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni għandha tħalli parti minn għaxra ta' l-ispejjeż tagħha u parti minn għaxra mill-ispejjeż ta' BPB.
- 4) BPB għandha tħalli disa' partijiet minn għaxra ta' l-ispejjeż tagħha u disa' partijiet minn għaxra ta' l-ispejjeż tal-Kummissjoni.

(¹) ĠU C 101, 26.4.2003.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Lulju 2008 —  
Lafarge vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-54/03) (¹)

(Kompetizzjoni — Akkordji — Suq tal-folji tal-ġibs — Deċiżjoni li tikkonstata ksur ta' l-Artikolu 81 KE — Imputazzjoni — Effett dissważiv — Reċidivită — Multa — Linji gwida għall-kalkolu ta' l-ammont tal-multi)

(2008/C 209/70)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Lafarge SA (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: l-ewwel H. Lesguillons, J. C. Bermond, N. Jalabert-Doury, A. Winckler, F. Brunet u I. Simic, u wara N. Jalabert-Doury, A. Winckler u F. Brunet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel F. Castillo de la Torre u C. Ingen-Housz, u wara F. Castillo de la Torre u F. Arbault, aġenti)

Intervenient in sostenn tal-parti konvenuta: Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Marquardt u E. Karlsson, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/471/KE, tas-27 ta' Novembru 2002 dwar proċediment skond l-Artikolu 81 [KE] kontra BPB plc, Gebrüder Knauf Westdeutsche Gipswerke KG, Société Lafarge SA u Gyproc Benelux NV (Kawża COMP/E-1/37.152 — Folji tal-ġibs) (ĠU 2005, L 166, p. 8), jew sussidjarjament, talba għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Lafarge SA hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnati mill-Kummissjoni.
- 3) Il-Kunsill għandu jħalli l-ispejjeż tiegħi.

(¹) ĠU C 101, 26.4.2003.